## Il-festa għaddiet, imma l-għaqda tkompli...

Matul il-ġimgħa ta' wara l-festa ħafna kienu dawk minn fostna u minn barra r-raħal li qalulna kemm kellna festa sabiħa kemm fuq ġewwa u kemm fuq barra. Tpaxxew bil-mużika u l-liturġija, il-ward u l-kant, it-tiżjin tal-knisja u d-dwal, l-armar fit-toroq, in-nar tal-art u tal-ajru, il-banda u l-briju, l-ordni u l-ġabra fil-purċissjonijiet u l-attendenza tan-nies għal kull attività, il-pubblikazzjonijiet stampati u x-xandir fuq il-mezzi soċjali. Imma l-aktar ħaġa li nnutaw kienet li ħassew li fostna kien hemm ċertu għaqda fl-għajnuna u serenità fl-organizzazzjoni. Nemmen li din il-kwalità li raw fina ħafna nies għandna ngħożżuha u nkomplu nħarsuha, biex ma nitilfuhiex, għax din hi l-aktar ħaġa li tagħmel veru festa.



Għalhekk mill-ġdid intenni r-ringrazzjamenti tiegħi lil dawk kollha li kienu involuti fl-organizzazzjoni tal-festa u għenu direttament jew b'mod indirett, sew il-gruppi tal-parroċċa u anki dawk marbuta mal-Kunsill Lokali għaliex nemmen li kulħadd bil-kelma tajba tiegħu jew bid-daqqa t'id ħalla effett sabiħ fuq il-klima tal-festa tagħna. Għalhekk tajjeb li dan l-atteġġjament t'għajnuna fir-rigward ta' xulxin inkompluh għaż-żmien li ġej.

Filwaqt li nawgura l-mistrieħ mistħoqq lil kulħadd f'dawn ix-xhur tas-sajf li ġejjin fuqna, nittama li nibqa' narakom għall-mistrieħ tal-Ħadd mal-Mulej fl-Ewkaristija. Għax dan it-tip ta' serħan li jagħtina Alla, isaħħaħ il-qalb bl-imħabba u jdawwal il-moħħ bil-għerf. Dan aħjar minn kollox.

*Dun Krystof*

---

**Ġita għall-Gżejjer ta' San Pawl** b'risq **il-Kappella ta' Kemmuna**
nhar **il-Ħamis 18 ta' Lulju**

**Programm:** Tluq fl-4.00pm mill-Imġarr, sad-9.30pm. Vjaġġ bil-luzzu, għawma, Quddiesa taħt l-istatwa ta' San Pawl u wara BBQ. Il-prezz ta' kollox huwa ta' €33. Il-bar tal-luzzu joffri xorb extra bi prezzijiet moderati. Għal min m'għandux trasport, tluq minn fejn iċ-Ċentru fl-3.45pm.

**Informazzjoni u biljetti** mingħand Dun Ġużepp Attard (99847099) jew Ġuża Sammut (99228906).

---

*Bis-sehem tiegħek tkun qed tgħin lil din il-Kappella biex tkun ta' servizzi spiritwali għal dawk it-turisti, Għawdxin, Maltin u barranin, li matul is-sena jżuru Kemmuna.*

---

Awgurju mill-qalb lil **Suor Guliana Portelli** tas-sorijiet tal-Klawsura ta' Sant'Ursola, fil-Belt Valletta, li llum il-Ħadd 7 ta' Lulju tagħlaq 50 sena anniversarju mill-professjoni reliġjuża tagħha. Ejjew nitolbu għaliha u nirringrazzjaw lil Alla tad-don tal-vokazzjoni tagħha għall-Knisja, għaliex nafu sewwa kemm ħajjitha hi kollha kemm hi ddedikata għat-talb, u nafu wkoll kif aħna l-parruċċani tan-Nadur għandna post privileġġjat fit-talb tagħha quddiem Alla. Nitolbu wkoll lill-Mulej sabiex ikompli jberikna u jsaħħaħna b'vokazzjonijiet bħal tagħha.

---

**IL-MEMBRI TAL-MUSEUM TAL-BNIET:** ifakkru li matul is-sajf il-Mużew se jibqa' miftuħ għat-tfal minn Year 4 'il fuq u anke għall-adolexxenti minn Year 7 'il fuq. Il-granet ikunu t-Tlieta, il-Ġimgħa u s-Sibt bejn is-5.45pm u s-6.30pm. Minbarra l-lezzjonijiet b'differenza jiġu organizzati wkoll attivitajiet. Tkun ħaġa xierqa li l-ġenituri jibagħtu lil uliedhom għat-tagħlim u għall-formazzjoni tagħhom.

---

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am